



TRAB TA' L-ASBESTOS

Introduzzjoni



Il-ħaddiema kollha tal-kostruzzjoni, tal-manutenzjoni, u tat-tindif jistgħu jkunu f'riskju li jiġu esposti għall-asbestos.

Dan il-fuljett jispjega x'inhu l-asbestos, x'inhuma l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, min jinsab f'riskju, u

fejn wieħed jista' isib l-asbestos iżda ma jkoprix it-tneħħija ta' l-asbestos. Dan il-fuljett huwa biss gwida bażika u sempliċi ta' prattika tajba. Għalhekk, jekk tixtieq aktar informazzjoni jew pariri dettaljati, ikkuntattja lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol jew entitajiet oħra kompetenti jekk taħseb li tista' tkun espost għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

X'inhu l-asbestos?

Asbestos huwa l-isem komuni għal grupp ta' minerali. Il-fibri ta' l-asbestos huma b'saħħithom u reżistenti ħafna għas-sħana, u kienu jintużaw għal bosta snin f'ħafna oqsma, fosthom:

- f'materjal li jiżola s-sħana bħal *lagging* u kisi;
- f'tessuti, karti u pjanċi li jirreżistu n-nar;
- fil-firrodu tal-*clutch* u tal-brejk;
- fi prodotti tas-siment ta' l-asbestos;
- f'materjal li jiżola l-elettriku;
- f'tagħmir personali protettivi.

L-użu ta' l-asbestos huwa kważi kollu pprojbit fl-Unjoni Ewropea, imma xorta waħda għadna niltaqgħu ma' ħafna asbestos. Dan ifisser li xorta waħda jista' jkun hemm min jista' jiġi espost għall-asbestos.

L-effetti fuq is-saħħa meta tkun espost għall-asbestos

Meta man-nifs li nieħdu jkun hemm xi fibri ta' l-asbestos, dawn jista' jkollhom effetti serji fuq is-saħħa, fosthom li wieħed jimrad bl-asbestożi, bil-kanċer tal-pulmun u bil-mesoteljoma. Ma hemm l-ebda livell magħruf ta' esposizzjoni għall-asbestos li mhux perikoluż. Aktar ma tkun espost, aktar għandek riskju li tiżviluppa mard relatat ma' l-asbestos. Jistgħu jgħaddu sa 30 sena minn meta tkun espost għall-asbestos għal meta jkollok l-ewwel sintomi ta' mard. L-effetti fuq min kien espost fil-passat qegħdin jidhru llum.

- Fir-Renju Unit, madwar 3 000 persuna fis-sena jmutu minn mard ikkawżat minħabba li kienu esposti għall-asbestos fil-passat, u l-figura hija mistennija togħla sa kważi 10 000 sa l-2010 (1). Minn dawn it-3 000 persuna, 25 % kienu jaħdmu fil-qasam tal-bini jew fil-manutenzjoni.
- Fl-Isvezja, imutu aktar nies wara li jkunu esposti għall-asbestos (mesoteljomi plewrali) milli min-numru totali ta' mwiet minħabba inċidenti fuq il-post tax-xogħol (2).

Huwa magħruf sewwa li t-tipjip tas-sigarretti jista' jikkawża kanċer tal-pulmun, imma jekk tiġi espost għall-asbestos ukoll, ir-riskju li jaqbdok l-kanċer tal-pulmun jimmultiplika. Wieħed li jpejjeq u li jieħu l-asbestos fin-nifs għandu 50 darba iktar ċans li jiżviluppa kanċer tal-pulmun minn wieħed li ma jpejjeq u li ma ġiex espost għall-asbestos.

Informazzjoni essenzjali

Jekk inti taħdem fl-oqsma tal-bini, manutenzjoni jew tindif tista' tkun f'riskju li tiġi espost għall-asbestos. Postijiet tipiċi fejn jista' jinsab l-asbestos jinkludu:

- ħitan (bħal folji ta' *insulation* f'ħitan diviżorji);
- kisi u żebgħa mhux lixxi;
- madum ta' l-art;
- artijiet tal-linolju (inċirata doppja);
- fuq bojlers b'materjal li jiżola s-sħana;
- bħala *insulation* fuq qafas ta' l-azzar tal-bini;
- passaġġi għal ventilazzjoni;
- soqfa (bħal l-qugħ min-nar fi spazji vojta bejn is-soqfa);
- madum tas-saqaf;
- bibien;
- stallazzjonijiet elettriċi;
- sistemi għas-sħana (materjal li jiżola s-sħana bħal fuq pajpijiet, *heaters* u bojlers);
- bjut (partikolarment bħal prodotti ta' l-asbestos cement);
- madum tal-bjut;
- faċċati tal-bini, inklużi gandotti, soffitti u kisi ta' barra;
- kanen ta' l-ilma u tad-drenaġġ;
- valvijiet, flanġijiet u ġonot ta' l-uċuħ tal-metall ukoll jistgħu ikunu miksija jew issiġillati bl-asbestos;
- ċisterni tad-wc, kaxxi bil-fjuri mdendlin mat-twieqi, inforra tal-karti ta' l-asbestos eċċ.

Snajja' f'riskju

- *plumbers*;
- inġiniera;
- elettriċisti;
- *mastrodaxxi*;
- *fitters* ta' twapet u ta' kisi ieħor ta' l-art;
- *fitters* ta' l-armor tal-ħwienet;
- persunal ta' manutenzjoni, inklużi dawkl jaħdmu b'kuntratt u purtinari;
- saqqafa;
- min inaddaf;
- snajja' oħra li jeħtieġu aċċess għal spazji fis-soqfa, kisi minn taħt b'panewijiet u żoni simili "moħbija".

Qabel ma tibda x-xogħol, staqsi jekk sarx test għall-asbestos. Assumi li jkun hemm l-asbestos sakemm ma jiġix ippruvat

(1) <http://www.hse.gov.uk/asbestos/index.htm>

(2) <http://se.osha.eu.int/statistics/osharapp.pdf>



xort'oħra. Waqqaf ix-xogħol u fittex parir jekk tissuspetta li jista' jkun hemm l-asbestos preżenti. Ftakar li qatt m'għandek tneħħi materjal ta' l-asbestos sakemm ma jkollokx permess u ġejt imħarreġ biex tagħmel dan.

Soqfa ta' l-asbestos

Soqfa ta' l-asbestos *cement* ħafna drabi ma jkunux b'saħħithom. Dejjem aċċerta ruħek li kemm il-post tax-xogħol kif ukoll l-aċċess għalih huma mingħajr periklu. Xi soqfa ta' l-asbestos *cement* jista' jkollhom partijiet addizzjonali ta' l-asbestos li jżolaw is-sħana applikati lill-parti ta' taħt (xi drabi msejjaħ *limpet* asbestos). Dan jista' jkun f'għamla msellta jew jifarrak malajr. Jekk jinsab dan il-materjal, il-ħaddiema kollha għandhom jitolqu minn fuq il-post immedjament u jfittxu għajnuna ta' espert. M'għandu jsir l-ebda attentat biex jitneħħa dan il-materjal.

Jekk tamministra jew tikkontrolla xi bini, jeħtieġ li tkun taf jekk hemmx asbestos f'dak il-bini. Dan jista' tagħmlu billi:

- tikkonsulta l-pjanti tal-bini;
- tħares lejn dokumenti ta' xogħol preċedenti (bħal fatturi tal-bennejja);
- twettaq spezzjoni proprja (imma ma tiħux kampjuni);
- tikkonsulta ma' oħrajn bħal periti, *surveyors*, rappreżentanti tas-sigurtà u impjegati li jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jagħtu iktar informazzjoni;
- timpjega persuna kompetenti sabiex tispezzjona l-bini. It-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq biss minn persuni mħarrġa.

Meta jkollok xi dubju, assumi li l-materjal huwa asbestos. Jekk hemm l-asbestos fil-post, hu passi sabiex tassigura li ħadd ma jiġi espost; dawn jistgħu jinkludu:

- evalwa r-riskji ta' esposizzjoni għall-asbestos;
- ippjana kif se tieħu ħsieb l-materjal li fih l-asbestos; wettaq dan il-pjan u rrevedih regolarment;
- żomm reġistru aġġornat ta' fejn jinsab l-asbestos (elenka kemm it-tip ta' l-asbestos kif ukoll il-post fejn jisab);
- agħti l-informazzjoni kollha rilevanti lill-kuntratturi tal-bini, tal-manutenzjoni u tat-tindif qabel ma jibdew xogħol fuq is-sit.

Leġislazzjoni

Hemm ħafna leġislazzjoni Ewropea dwar l-asbestos li hija parti mil-liġi nazzjonali. Il-Pajjiżi Membri jistgħu wkoll ikollhom il-ħtiġijiet proprji leġislattivi addizzjonali, għalhekk **iċċekkja ma' l-awtorità li tinforza l-liġijiet.**

Il-leġislazzjoni Ewropea fittxet li tipprojbixxi l-użu ta' asbestos, u li tistabbilixxi standards stretti għall-protezzjoni tal-ħaddiema meta jistgħu jiġu esposti. Dawn li ġejjin huma ftit mid-direttivi rilevanti.

- Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri għall-inkoraġġiment ta' titjib fis-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni fuq ix-xogħol;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KEE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-aġenti kimiċi fuq ix-xogħol;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE tad-19 ta' Settembru 1983 dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema mir-riskji relatati għall-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol, modifikata mid-Direttiva tal-Kunsill 91/382/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991, u emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KEE tas-7 ta' April 1998 u d-Direttiva 2003/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2003.

Aktar informazzjoni

Dan il-fuljett sar għall-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2004. Fuljetti oħra f'din is-serje u aktar informazzjoni dwar il-kostruzzjoni jinstabu f'<http://www.osha.eu.int>. Dan is-sit ta' l-internet jiġi aġġornat u żviluppat kontinwament. Informazzjoni dwar il-leġislazzjoni ta' l-UE fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà tinstab f'<http://europe.osha.eu.int/legislation/> Fuljetti oħra dwar sustanzi perikolużi u firxa wiesgħa ta' suġġetti oħra dwar is-saħħa u s-sigurtà jistgħu jitniżżlu minn <http://agency.osha.eu.int/publications/factsheets>.



Courtesy of OPPBTP, France

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao

Tel. (34) 944 79 43 60, fax (34) 944 79 43 83

information@osha.eu.int